MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2007

Numru. 371/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**
**SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI**

**KONTRA**

**IAN FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Ian Farrugia ta' 30 sena, bin Vincent u Helen nee' Borg, imwieled gewwa Attard nhar l-4 ta' Awwissu, 1973, residenti fil-fond numru 79, Old Railway Road, Santa Venera, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 420073(M);

Akkuzat talli:

1. Fil-gimgha ta’ qabel il-5 ta’ April, 2007, flimkien ma’ persuni ohra mhux maghrufa, ikkommetta serq ta’ diversi xogholijiet tal-arti u oggetti ohra li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ elf lira maltin (Lm1,000.00), mill-fond numru 129, Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur li jecceci l-elf lira maltin (Lm1,000.00), bil-lok, u bil-hin;

2. U aktar talli f’Malta, f’dawn l-ahhar gimghat, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom, liema oggetti gejjin minn reat ta’ serq ikkwalifikat bil-valur;

3. U finalment talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li nstab hati b’sentenza moghtija mill-Qorti ta’ Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat l-Artikoli 261(a)(b)(c)(e)(f), 262, 263, 264, 265, 330, 267, 270, 271, 279(b), 280, 289, 334, 325(a), 49, 40, 31, 20, 23, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor huma s-segwenti:
Fill-5 ta’ April, 2004 gie rrapurtat lill-pulizija li nsterqu diversi oggetti tal-arti u pitturi mir-residenza tal-Imhallef Giovanni Bonello fi Triq l-Ifran, il-Belt Valletta. Din is-serqa sehhet xi granet qabel billi l-persuni dahlu fil-fond in kwistjoni mill-kantina tad-dar u qalghu xorok mis-saqaf tal-istess kantina biex ghamlu toqba fl-istess saqaf li tigi l-art tal-pjan terran tal-istess dar, u dahlu minn hemm. Irrizulta li l-oggetti misruqa jiffurmaw parti minn kollezzjoni akbar, proprjeta’ tal-istess Imhallef Bonello, u min-natura tal-

oggetti misruqa u mill-istess xena tad-delitt wiehed jista' jippresumi li dawn kienu maghzula u kienu nsterqu biex jinbieghu barra minn Malta.

Minn investigazzjonijiet li saru mill-pulizija, taht l-awtorita' tal-Magistrat Inkwerenti, dawn l-oggetti nstabu xi tlitt gimghat wara f'garaxx f'Birkirkara, wara hajt falz fl-istess garaxx, hlief ghal pittura wahda li nstabet f'dar vicin ta' dan il-garaxx. Ghalkemm mill-istess investigazzjonijiet gew identifikati diversi persuni li setghu kienu involuti f'din is-serqa, il-pulizija ressqet tnejn min-nies – lil Joseph Portelli u lill-imputat odjern. Fil-konfront ta' Ian Farrugia, il-Prosekuzzjoni bbazat il-kaz taghha fuq impronti digitali li nstabu mhux fuq ix-xena tad-delitt, jigifieri d-dar tal-Imhallef Giovanni Bonello, izda fejn instabu l-bicca l-kbira tal-pitturi, jigifieri fil-garaxx ta' Birkirkara. Dawn l-impronti nstabu ezattament fuq borza tal-plastic trasparenti li kienet qed tghatti whud mill-pitturi msemmija. Huwa fuq din il-prova li l-pulizija mexxiet il-kaz kontra l-imputat. Il-prova l-ohra li seta' kellha l-Prosekuzzjoni – ix-xhud Joseph Portelli, gie dikjarat inammissibli minn din l-istess Qorti ghal ragunijiet gia' moghtija li din l-istess Qorti m'hix sejra tiddilunga fuqhom aktar. Ghalhekk, il-Qorti trid tikkonsidra bir-reqqa din il-prova tal-impronti digitali.

L-esperti tal-Qorti mahtura fl-inkjesta, senjatament is-Surgenti 1374 Edgar Dalli u 659 Jeffrey Hughes, u Nathalie Zahra ghall-'comparisons', ipprezentaw ir-rapporti taghhom u spjegaw x'ghamlu fil-process kollu. Is-Surgenti spjegaw kif instabu xi impronti fuq borza tal-plastic fil-garaxx indikat, liema borza kienet qed tghatti l-pitturi in kwistjoni. Spjegaw kif ittiehdu ritratti tal-impronti u kif dawn gew imqabbla mal-faxxikoli li ghandhom il-pulizija ta' impronti digitali ta' diversi persuni, sabiex jaraw isibux suspettat jew le. Fil-fatt, huma xehedu li dan it-'test' kien fl-affermattiv u b'hekk gie indikat Ian Farrugia f'din il-kawza (vide fol 4 tal-process verbal, u fols 62 u 63 tal-process). F'dan l-istadju tal-investigazzjoni, il-Magistrat Inkwerenti hatar lil PC 1238 Clive Brimmer biex jiehu l-impronti digitali tal-imputat, u hatar ukoll lil Nathalie Zahra sabiex sussegwentement taghmel il-'comparisons' mehtiega.

L-espert tal-Qorti Zahra min-naha taghha spjegat kif hi ezaminat il-borza in kwistjoni, u qabblet l-impronti fuq il-borza mar-ritratti mehuda mis-Surgenti 659 Jeffrey Hughes u 1374 Edgar Dalli, u stabbiliet li r-ritratti kienu effettivament dawk tal-impronti digitali fuq il-borza (vide fol 40 tal-process verbal, u fols 72 sa 77, u 83 sa 89 tal-process). Sussegwentement hi ghaddiet biex taghmel il-comparisons mehtiega bejn ir-ritratti u l-prints mehuda quddiem il-Magistrat Inkwerenti, u sabet l-14-il punt ta’ qbil rikjest mill-Ligi (vide fols 92A sa 93, 95A sa 96 tal-process). Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, l-ezamijiet forensici fuq l-impronti saru skond il-Ligi, u l-element ta’ ‘continuity of evidence’ ma gietx interrotta. Il-Qorti hi konvinta li dawk l-impronti huma fil-fatt tal-imputat.

Jibqa’ issa biex jigi kkunsidrat jekk din il-prova wahidha hix bizzejjed biex tinstab htija fl-imputat. Il-Qorti rat is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija kontra Anthony Abela”, deciza nhar it-28 ta’ Mejju, 1998, u dik “Il-Pulizija kontra Nazzareno sive Reno Zarb”, deciza nhar il-31 ta’ Awwissu, 2006. F’din l-ahhar sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali keinet qalet hekk:
“Illi gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali : **“Il-Pulizija vs. Anthony Abela”** [28.5.1998] li l-prova tal-fingerprint ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova u legalment mhux necessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni ta’ din il-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghall-htija tal-persuna akkuazta. Il-Qorti pero’ kienet ghamlet distinzjoni bejn fingerprints li jinstabu f’ postijiet pubblici bhal hwienet, knejjes, cinematografi, hwienet tax-xorb, diskoteki, ecc. li fihom imorru hafna nies u fingerprints li jinstabu f’ xi dar ta’ residenza. Il-Qorti qalet hekk fir-rigward :-
“Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jigi stabbilit li s-suspettat, li instabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien dahallu fir-residenza tieghu. F’ dan il-kaz il-prova tal-fingerprints wahedha hija sufficjenti biex il-Qorti issib htija.”

Dawn l-impronti digitali ma nstabux f'lok pubbliku, anzi nstabu fuq oggett li kien qed jghatti l-pittura misruqa f'garaxx, kif gia' indikat. Illi ghalhekk, ghalkemm din il-prova tal-impronti digitali hija l-unika prova kontra l-imputat, ic-cirkostanzi ta' fejn u ma x'hiex instabu dawk l-impronti bil-fors iqanqlu suspett fil-imputat li dan seta' kien b'xi mod involut fis-serqa. Ta' dan almenu l-Qorti tinstab konvinta legalment, ukoll jekk l-imputat ghazel li ma jwegibx il-mistoqsijiet li sarulu fl-istqarrija tieghu, kif kellu kull dritt jaghmel, u ma ppruvax jaghti spjegazzjoni ta' kif waslu l-impronti digitali tieghu f'post intezjonatament mistur, flimkien mar-'res furtiva'.

Il-Qorti, madankollu, tixtieq tigbed l-attenzjoni tal-Prosekuzzjoni li kien ikun bil-wisq ahjar kieku gew prodotti provi ohra minnhom biex jigu kkorraborati l-provi li kellhom, u l-verzjonijiet li nghataw forsi ma kinux jibqghu biss allegazzjonijiet. Il-Qorti per ezempju, xtaqet tara jekk vera kienx hemm komunikazzjoni bejn l-imputat u terzi fil-jiem qabel ma nstabet ir-'res furtiva', jew li l-impronti taz-zraben li nstabu fuq ix-xena tad-delitt jigu mqabbla ma' dawk tal-imputat, izda dik il-prova baqghet ma gietx prodotta f'ebda stadju.

Illi din il-Qorti ma taqbilx mad-Difiza meta din argumentat fit-trattazzjoni finali li l-metodu ta' analizi tal-impronti digitali ezebiti ma kienx wiehed korrett u skond il-Ligi. Il-Qorti ma tara l-ebda skorrettezza fl-ezami tal-impronti digitali in kwistjoni, u ghalhekk dawk l-istess impronti huma attribwibbli lill-imputat. Lanqas tista' din il-Qorti taqbel mad-Difiza li kien hemm xi haga skorretta fl-operat tal-esperti nominati fl-inkjesta meta dawn qabblu l-impronti misjuba mal-faxxikoli fl-arkivju tal-Kummissarju, biex waslu sabiex gie identifikat suspettat u investigat ulterjurment. Tali operazzjoni kienet ordnata mill-Magistrat Inkwerenti u ghalhekk pjenament legittima. Il-fatt li xehed il-kustodju ta' dawn il-faxxikoli u qal li dawn qatt ma ntalbu lilu ma jinpingi xejn fuq dak li wettqu l-esperti tal-Qorti fl-inkjesta u l-konkluzjonijiet milhuqin minnhom.

Izda din il-prova wahidha m'hix sufficjenti biex il-Qorti ssib htija fl-imputat, ghar-ragunijiet li gejjin:

Huwa minnu li l-impronti huma tal-imputat, huwa minnu li dawn instabu mar-res furtiva f’mohba apposta, huwa minnu wkoll illi l-impronti nstabu fuq borza li aktarx kienet tgezwer sellum gdid li wkoll aktarx intuza fis-serqa. Inoltre, huwa minnu illi l-imputat ma ta ebda spjegazzjoni ghall-fatt ta’ kif u fejn instabu dawn l-impronti. Izda dawn il-konsiderazzjonijiet, fil-fehma tal-Qorti, iwasslu biss sal-grad tal-probabbli ghar-rigward tal-htija tal-imputat, u mhux sal-grad rikjest mill-Ligi fil-Kamp Kriminali. Il-Qorti thoss li ma tistax tibghat lil xi hadd seba’ snin il-habs fuq bazi ta’ probabbilta’ jew fuq suspett. Il-Qorti, trid tkun konvinta lil hinn mid-dubju ragonevoli li persuna hija hatja ta’ reat biex tinghata sentenza ta’ dan it-tip, haga li f’dan il-process ma ntlahaqx. Huwa ghalhekk li l-Ligi tirrikjedi grad ta’ prova tant gholi fil-process penali, biex kemm jista’ jkun kull dubju jigi eliminat u l-htija ta’ persuna tigi determinata lil hinn minn dak id-dubju. Il-fatt ghalhekk li din il-prova indizzjarja wahdinija ma gietx ikkorraborata ma’ provi ohra indizzjarji, ma jhallu ebda triq ohra hlief li l-Qorti tillibera lill-imputat minn dawn l-imputazzjonijiet.

In riassunt, ghalhekk, il-Qorti terga’ tossottolinea l-elementi tal-provi f’dan il-kaz. Fuq ix-xena tad-delitt, ma nstab xejn li jorbot l-imputat mal-istess xena. L-ezamijiet forensici f’dan ir-rigward kienu kollha fin-negattiv. Fuq ix-xena ta’ fejn instabet ir-‘res furtiva’, hemm l-impronti digitali tal-imputat fuq oggett komuni – borza tal-plastic li kienet qed tghatti whud mill-oggetti misruqa. Dik il-borza tqieghdet hemm intenzjonalment, biex tipprotegi l-istess oggetti. Tqieghdet b’mod deliberat minn xi hadd. Dan ix-xi hadd hu l-imputat? Seta’ kien xi hadd iehor li pogga l-borza hemm? Kienet l-istess borza li fiha kien hemm is-sellum li ntuza fis-serqa fid-dar tal-Imhallef Bonello? Is-suspettati kemm kienu jafu lil xulxin? Dawn il-mistoqsijiet iqanqlu dubji fil-Qorti li bil-fors iridu jimmilitaw favur l-imputat. Il-korraborazzjoni ta’ provi indizzjarji kienet essenzjali f’din il-kawza, izda kienet ukoll karenti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat Ian Farrugia hati tal-imputazzjonijiet fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------